# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 1463/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet:**

**Grace Bonavia (ID. 646352M) f'isimha proprju u kif ukoll f'isem l-assenti Antonia Sultana (ID. 240643M) – Dok A, Victor Bonavia (ID. 488955M), Gemma Randich (ID. 937249M), Therese Bonavia (ID. 600246M) f'isimha proprju u kif ukoll f'isem l-assenti Mary Cassar (numru tal-passaport Awstraljan N 9104443) – Dok B, Francis Bonavia (ID. 278548M), Joseph Bonavia (ID. 39535M), James Bonavia (ID. 280773M) f'ismu proprju u kif ukoll f'isem l-assenti David Bonavia (ID. 60970M) - Doc C u f'isem l-assenti Marie Claire**

**Leonard Bonavia (ID. 280673M) – Dok D**

**vs.**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, l-Agenzija ghal Infrastruttura Malta, V & C Contractors Ltd (C13748), Schembri Barbros Limited (C9577) u Asfaltar Limited (C8313) jew min minnhom**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll iz-17 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1 u 9);

3. Rat ir-risposta datata l-24 ta' Settembru, 2018, (ara foll 53);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lix-xhud prodott *ai termini* tal-artiklu 873 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7. Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti qed jippruvaw jipprotegu d-drittijiet li huma ghandhom fil-proprjeta` in dizamina wara li din gie invasa mill-intimati biex iwettqu l-iskopijiet taghhom;

8. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-proprjeta` taghhom gie invaza mill-intimati minghajr ma l-istess kienet giet precedentement esproprijata skont il-ligi;

9. Illi *di piu`* ir-rapprezentant tal-Agenzija intimata kkonferma bil-gurament skont il-ligi li l-istess kienet determinata li tkompli bil-progett taghha fil-proprjeta` in kwistjoni minghajr ma din kienet

precedentement munita bl-esproprijazzjoni *de quo stante* li dan kien progett t'esigenza nazzjonali, (ara foll 67);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi biex ikun jista' jinhareg Mandat t'Inibizzjoni definittiv jinhtieg li jissussistu s-segwenti rekwiziti;

10.1. Id-dritt *in prima facie* tar-rikorrenti;

10.2. Il-htiega ghar-rikorrenti li jinhareg il-mandat in kwistjoni biex jigu protetti d-drittijiet tal-istess rikorrenti;

10.3. Il-pregudizzju li r-rikorrenti ser isofru;

11. Illi jirrizulta pacifiku li r-rekwiziti elenkati fil-paragrafu precedenti jridu jkunu kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin;

Ikkunsidrat:

12. Illi *prima facie* jirrizulta li l-intimati invadew it-territorju tar-rikorrenti minghajr preavviz u ghar min hekk, minghajr l-esproprjeazzjoni kif mitlub mill-ligi;

13. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li t-tlett (3) rekwiziti fuq elenkati jirrizultaw debitament ezistenti billi d-dritt tar-rikorrenti fir-rigward gew manifestament attakkati, u dan, kontra kull dettam legali fir-rigward;

14. Illi ghalhekk, fil-limiti tas-sommarjeta` tal-procedura f'dan l-istadju, din il-qorti hi sodisfatta li jezistu r-rekwiziti fuq imsemmija li jaghmluha inkombenti ghal din il-qorti biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

15.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

15.2. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha fuq indikat b’mod li issa l-istess mandate jinhareg b’mod permanenti;

15.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati *in solidum*.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**